

Brussell, 11 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6932/22

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0300(COD)

CODEC 246
ENV 184
DEVGEN 41
ECO 20
SAN 134
PECHE 71
AGRI 75
IND 61
CHIMIE 17
ENER 79
RECH 112
TRANS 125
PE 19

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mis-7 sal-10 ta' Marzu 2022)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Grace O'Sullivan (Ħodor/AHE, IE), ippreżentat emenda ta' kompromess (l-emenda numru 127) għall-proposta għal Deċiżjoni msemmija hawn fuq fisem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel. Kien intlaħaq ftehim dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmijin hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvutat fl-10 ta' Marzu 2022, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 127) għall-proposta għal Deċiżjoni msemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq ftehim dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2022)0067

Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (COM(2020)0652 – C9-0329/2020 – 2020/0300(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2020)0652),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0329/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Jannar 2021³,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Frar 2021⁴,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta' Diċembru 2021, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0203/2021),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht⁵;

³ ĠU C 123, 9.4.2021, p. 76.

⁴ ĠU C 106, 26.3.2021, p. 44.

⁵ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-8 ta' Lulju 2021 (Testi adottati, P9_TA(2021)0352).

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2020)0300

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Marzu 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċizzjoni (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁶,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁷,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁸,

⁶ ĠU C 123, 9.4.2021, p. 76.

⁷ ĠU C 106, 26.3.2021, p. 44.

⁸ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2022.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 192(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-programmi ġenerali suċċessivi ta' azzjoni ambjentali għawdaw l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika ambjentali tal-Unjoni u pprovdew il-qafas għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u l-klima mill-1973.
- (2) Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ stabbiliet is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali ("is-Seba' EAP"). Is-seba' EAP jistabbilixxi l-aġenda ambjentali tal-Unjoni għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2020 kif ukoll viżjoni fit-tul għall-2050.

⁹ Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

- (3) Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2019 dwar l-evalwazzjoni tas-seba' EAP kkonkluda li l-viżjoni tau l-oġettivi prijoritarji tal-2050 għadhom validi; li s-seba' EAP għen biex jipprovdi azzjoni aktar prevedibbli, rapida u kkoordinata fil-politika ambjentali u li l-istruttura u l-qafas ta' abilitazzjoni tas-seba' EAP għenu biex jinħolqu sinerġiji, u b'hekk il-politika ambjentali saret aktar effettiva u effiċjenti. Barra minn hekk, huwa kkonkluda li s-seba' EAP antiċipa l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għal Żvilupp Sostenibbli (Aġenda 2030 tan-NU) bl-insistenza tiegħu li t-tkabbir ekonomiku u l-benesseri soċjali jiddependu fuq bażi ta' riżorsi naturali b'saħħitha, iffaċilita t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (l-"SDGs"), ippermetta li l-Unjoni titkellem b'vuċi waħda fix-xena globali dwar kwistjonijiet klimatiċi u ambjentali, iżda li l-progress relatat mal-ħarsien tan-natura, is-saħħa u l-integrazzjoni *tat-tħassib ambjentali f'oqsma oħra* tal-politika ma kienx biżżejjed. Huwa kkonkluda wkoll *li seta' kien hemm aktar kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet soċjali fis-seba' EAP, abbażi tar-rabtiet eżistenti bejn l-ambjent u l-politika soċjali, fir-rigward, pereżempju, l-impatt fuq il-gruppi vulnerabbli, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u l-inugwaljanza. Barra minn hekk, ir-rapport tal-Kummissjoni nnota li, minkejja miri ambjentali dejjem aktar ambizzjużi f'ħafna oqsma ta' politika, l-infiq fuq il-ħarsien tal-ambjent fl-Ewropa baqa' kostanti għal ħafna snin (madwar 2 % tal-PDG) u li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali jiswa lill-ekonomija tal-Unjoni madwar EUR 55 biljun fis-sena fi spejjeż marbuta mas-saħħa u fi spejjeż diretti għall-ambjent. Ir-rapport tal-Kummissjoni nnota li l-implimentazzjoni tas-seba' EAP setgħet ġiet imsaħħa b'mekkaniżmu ta' monitoraġġ aktar b'saħħtu.*

- (4) Skont l-Aġenzija Ambjentali Ewropea (EEA) fir-rapport tagħha "The European environment – state and outlook 2020, Knowledge for transition to a sustainable Europe" ("SOER 2020"), **hemm** tieqa unika ta' opportunità għall-Unjoni biex **fl-għaxar snin li ġejjin** turi tmexxija **globali** fuq is-sostenibbiltà **billi tindirizza** l-isfidi urġenti ta' sostenibbiltà li jirrikjedu soluzzjonijiet sistemiċi. **Bidla sistemika tinvolvi forma ta' bidla radikali, trasformattiva u trażversali li timplika trasformazzjoni maġġuri u riorjentazzjoni tal-għanijiet sistemiċi, l-inċentivi, it-teknoloġiji, il-prattiki u n-normi soċjali kif ukoll tas-sistemi tat-tagħrif u l-aproċċi fil-governanza.** Kif jingħad fis-SOER 2020, **wieħed mill-aktar fatturi importanti sottostanti għall-isfidi ambjentali u ta' sostenibbiltà persistenti tal-Ewropa huwa li dawn huma marbuta b'mod inseparabbli mal-attivitajiet ekonomiċi u mal-istili ta' ħajja, b'mod partikolari s-sistemi soċjetali li jipprovdu lill-Ewropej ħtiġijiet bħal prodotti, enerġija u mobbiltà. L-iżgurar tal-koerenza tal-politika mal-politiki ambjentali eżistenti, u l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom, ikunu ta' kontribut kbir biex l-Ewropa tilħaq l-għanijiet ambjentali tagħha sal-2030 u twettaq l-Aġenda 2030 tan-NU u l-SDGs tagħha.**

- (5) Il-Kummissjoni wiegħbet għall-isfidi identifikati fis-SOER 2020 bl-adozzjoni tal-komunikazzjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", strateġija ġdida għat-tkabbir għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja li għandha l-għan li tittrasforma lill-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija *sostenibbli*, kompetittiva, newtrali għall-klima u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, *u tipproteġi, tikkonserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni filwaqt li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u tal-futur. Il-prijorità jenħtieġ li tkun li jintlaħqu l-miri klimatiki u ambjentali malajr filwaqt li jiġu protetti s-saħħa u l-benesseri tal-persuni mir-riskji u l-impatti ambjentali u li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva*. Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ inaqgax fil-liġi l-mira tal-Unjoni li *sa mhux aktar tard mill-2050* tintlaħaq in-newtralità klimatika.
- (6) *Fir-riżoluzzjon tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali, il-Parlament Ewropew issottolinja li azzjoni immedjata u ambizzjuża hija kruċjali u ħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni konkreta, inkluż billi tiżgura li l-proposti leġiżlattivi u baġitarji futuri relevanti kollha jkunu allinjati b'mod sħiħ mal-oġettiv li t-tisħin globali jiġi limitat għal inqas minn 1,5 °C u li ma jkunux qed jikkontribwixxu għat-telf tal-bijodiversità, u billi tindirizza l-inkonsistenzi fil-politiki attwali tal-Unjoni dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali, b'mod partikolari permezz ta' riforma estensiva tal-politiki tagħha dwar l-investiment agrikolu, kummerċjali, tat-transport, tal-enerġija u tal-infrastruttura.*

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

- (7) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirfed il-Pjan ta' Rkupru ta' Next Generation UE, li jippromwovi l-investiment f'setturi **■** kruċjali ***għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali***, sabiex tinbena r-reżiljenza, u joħloq it-tkabbir u l-impjiegi f'soċjetà ġusta u inklużiva. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li se tixpruna l-irkupru ekonomiku tal-Unjoni mill-kriżi tal-COVID-19 flimkien mal-baġit tal-Unjoni għall-2021-2027, hija bbażata wkoll fuq l-oġġettivi prijoritarji stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Barra minn hekk, l-inizjattivi kollha taħt il-Pjan ta' Rkupru ta' Next Generation EU għandhom, ***fejn ikun applikabbli***, jirrispettaw il-prinċipju **■** ta' "la tagħmilx ħsara ***sinifikanti***" ***kif stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹¹ ("***ir-Regolament tat-Tassonomija***"). ***Il-Pjan ta' Rkupru ta' Next Generation EU joffri opportunità importanti biex jiġi jitħaffef il-pass tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u l-ħarsien tal-ambjent.***
- (8) Is-seba' EAP ***skada*** fil-31 ta' Diċembru 2020 u l-Artikolu 4(3) tiegħu ***kien*** jirrikjedi li l-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta għat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali (it-tmien EAP) fil-ħin bil-ħsieb li jiġi evitat distakk bejn is-seba' u t-tmien EAP. ***Fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ħabbret li t-tmien EAP se jinkludi mekkaniżmu ta' monitoraġġ ġdid biex jiġi żgurati li l-Unjoni tibqa' fit-triq it-tajba biex tissodisfa l-oġġettivi ambjentali tagħha.***
- (9) ***F'konformità mal-Artikolu 192(3) tat-TFUE, it-tmien EAP jistabbilixxi l-oġġettivi prijoritarji li jridu jinkisbu. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-tmien EAP iridu jiġu adottati skont l-Artikolu 192(1) jew (2) tat-TFUE.***

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (10) *Il-miżuri li jimplementaw it-tmien EAP, bħal inizzjattivi, programmi, investimenti, proġetti u ftehimiet jenħtieġ li jqisu l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament tat-Tassonomija.*
- (11) *It-tmien EAP jenħtieġ li jappoġġa l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew f'konformità mal-oġġettiv fit-tul li "ngħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti planetarji" sa mhux aktar tard mill-2050, f'konformità ma' dak li diġà huwa stabbilit fis-seba' EAP. It-tmien EAP, bħala l-Programm ta' Azzjoni Ambjentali ġenerali tal-Unjoni li jibqa' għaddej sa mhux aktar mill-2030, imur lil hinn mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-oġġettivi prijoritarji tat-tmien EAP jistabbilixxu direzzjoni għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni, li tibni fuq, iżda mhux biss, l-impenji tal-istrategġija u l-inizzjattivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħall-Istrategġija għall-Bijodiversità għall-2030, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari I-ġdid, l-Istrategġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero.*
- (12) *Il-Ftehim ta' Pariġi adottat fil-qafas tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima¹² ("il-Ftehim ta' Pariġi") għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, inkluż billi ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u billi jtkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li dan inaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-effetti tat-tibdil fil-klima.*

¹² ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

- (13) *It-tmien EAP jiffirma l-bażi biex jinkisbu l-objettivi relatati mal-ambjent u l-klima definiti fl-Aġenda 2030 tan-NU u l-SDGs tagħha, u jenħtieġ li jkun allinjat mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni ta' Rio u ftehimiet internazzjonali rilevanti oħra. It-tmien EAP jippermetti wkoll bidla sistemika lejn ekonomija tal-Unjoni li tiżgura l-benesseri fi ħdan il-limiti planetarji fejn it-tkabbir ikun riġenerattiv u jenħtieġ li jiżgura wkoll li t-tranżizzjoni ekoloġika ssir b'mod ġust u inklużiv, filwaqt li jingħata kontribut għal tnaqqis fl-inugwaljanzi. Skont mudell żviluppat miċ-Ċentru ta' Reżiljenza ta' Stokkolma, it-twettiq tal-SDGs ambjentali u relatati mal-klima jirfed l-SDGs soċjali u ekonomiċi għax is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna jiddependu fuq bijosfera b'saħħitha u għax l-iżvilupp sostenibbli jista' jseħħ biss fi spazju operattiv sikur ta' pjaneta stabbli u reżiljenti. It-twettiq tal-SDGs min-naħa tal-Unjoni u l-appoġġ tagħha għall-pajjiżi terzi biex jagħmlu l-istess se jkun essenzjali jekk l-Unjoni trid turi sens ta' tmexxija globali fit-twettiq tat-tranżizzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà.*
- (14) *L-azzjoni biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni trid issir id f'id mal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.*

- (15) *Skont l-Artikolu 191(2) tat-TFUE, il-politika ambjentali tal-Unjoni hi li timmira għal livell għoli ta' protezzjoni filwaqt li titqies id-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni u trid tkun imsejsa fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li jenħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara lill-ambjent, bħala prijorità, tissewwa f'ras il-għajn, u li min iniġġes iħallas.*
- (16) It-tmien EAP jenħtieġ li jħaffef it-tranżizzjoni *ekoloġika, b'mod ġust u inklużiv*, lejn ekonomija *ċirkolari newtrali għall-klima, sostenibbli, mhux tossika, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, reżiljenti u kompetittiva* li tagħti lura lill-pjaneta aktar milli tiegħu. It-tranżizzjoni ekoloġika jenħtieġ li ssir *fil-kuntest ta' ekonomija tal-benesseri sostenibbli fejn it-tkabbir ikun riġenerattiv u li tippermetti bidla sistemika, tirrikonoxxi* li l-benesseri u l-prosperità tas-soċjetajiet tagħna jiddependu fuq klima stabbli, ambjent b'saħħtu u ekosistemi b'saħħithom *u tipprovdi* spazju operattiv sikur *fi ħdan il-limiti planetarji*. Filwaqt li l-popolazzjoni globali u d-domanda għar-riżorsi naturali qed ikomplu jikbru, l-attività ekonomika jenħtieġ li tiżviluppa b'mod *sostenibbli* li ma jagħmilx ħsara iżda, għall-kuntrarju, treggħa' lura t-tibdil fil-klima, *tippoteġi, tirrestawra u ttejjeb l-istat tal-ambjent inkluż billi twaqqaf u* treggħa' lura *t-telf tal-biodiversità, tipprevjeni* d-degradazzjoni ambjentali, *tippoteġi s-saħħa u l-benesseri minn riskji u impatti ambjentali negattivi, tipprevjeni u* timminimizza t-tniġġis u tirriżulta fiż-żamma u t-tiżiħ *tal-kapital naturali u l-promozzjoni ta' bioekonomija sostenibbli*, biex b'hekk tiġi żgurata l-abbundanza ta' riżorsi rinnovabbli u mhux rinnovabbli. Permezz tal-innovazzjoni *u r-riċerka* kontinwa, *it-trasformazzjoni tal-produzzjoni u x-xejriet tal-konsum, kif ukoll* l-adattament għal sfidi ġodda u l-ħolqien konġunt, l-ekonomija *tal-benesseri* ssaħħaħ ir-reżiljenza u tippoteġi l-benesseri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

- (17) Jenħtieġ li t-tmien EAP jistabbilixxi objettivi tematiċi prijoritarji fl-oqsma ***tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima***, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni u r-restawr tal-biodiversità ***terrestri u tal-baħar***, ekonomija ċirkolari ***mhux tossika, ambjent bi*** tniġġis zero u ***minimizzazzjoni*** tal-perssonijiet ambjentali mill-produzzjoni u l-konsum ***fis-setturi kollha tal-ekonomija***. ***Dawk l-objettivi tematiċi prijoritarji, li jindirizzaw kemm l-ixprunaturi kif ukoll l-impatti tal-ħsara ambjentali, huma interkonnessi b'mod inerenti u għalhekk jirrikjedu approċċ sistemiku biex jinkisbu***. Barra minn hekk, ***it-tmien EAP*** jenħtieġ li jidentifika l-kundizzjonijiet abilitanti biex jintlaħqu, ***b'mod koerenti***, l-objettivi fit-tul u l-prijoritajiet tematiċi għall-atturi kollha involuti.
- (18) ***Jenħtieġ li l-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa fil-kuntest tat-tmien EAP iqisu l-firxa sħiħa tal-effetti immedjati u fit-tul fuq l-ambjent u l-klima bħala parti minn analiżi integrata tal-effetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali, inklużi l-effetti kumulattivi tagħhom, kif ukoll il-prezz tal-azzjoni u n-nuqqas ta' azzjoni***. ***Jenħtieġ li dawk il-valutazzjonijiet tal-impatt ikunu bbażati fuq konsultazzjoni wiesgħa u trasparenti, u fi żmien tmien ġimgħat mill-għeluq ta' konsultazzjoni pubblika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta feedback dettaljat dwar it-tweġibiet għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, b'distinzzjoni bejn il-kontributi minn tipi differenti ta' partijiet ikkonċernati***.

- (19) *It-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-benesseri, fejn it-tkabbir ikun riġenerattiv, hija inkorporata fit-tmien EAP u hija minquxa fl-oġġettivi prijoritarji kemm għall-2030 kif ukoll għall-2050. Sabiex tiġi żgurata dik it-tranżizzjoni, huwa neċessarju li l-Unjoni tiżviluppa approċċ aktar olistiku għat-tfassil tal-politika, fost l-oħrajn bl-użu ta' tabella sommarja li tkejjel il-progress ekonomiku, soċjali u ambjentali "lil hinn mill-PDG". Indikatur sommarju stabbilit bħala parti mill-isforzi tal-Unjoni biex timplimenta l-Aġenda 2030 tan-NU jiġbor fil-qosor l-indikaturi eżistenti u l-proċessi ta' monitoraġġ, filwaqt li jagħti wkoll informazzjoni dwar id-distanza għall-mira, fejn possibbli, u fl-aħħar mill-aħħar iservi bħala sommarju politiku ta' gwida għat-tfassil tal-politika. Għaldaqstant, l-iżvilupp ta' tali sett ta' indikaturi huwa inkluż bħala kundizzjoni abilitanti fit-tmien EAP.*
- (20) *Il-Programm tan-NU għall-Ambjent u l-Forum Globali tal-OECD dwar l-Ambjent enfasizzaw li l-bidliet ambjentali jħallu effetti speċifiċi skont il-ġeneru. Ir-rwoli differenzjati skont il-ġeneru jikkawżaw ukoll vulnerabbiltajiet differenzjati fin-nisa u l-irġiel għall-effetti tat-tibdil fil-klima, u l-impatti tat-tibdil fil-klima jiġgravaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri. Għaldaqstant teżisti l-ħtieġa ta' perspettiva tal-ġeneru fir-rigward tal-azzjonijiet u l-għanijiet relatati mal-kisba tal-oġġettivi prijoritarji tat-tmien EAP sabiex ikun żgurat li d-differenzi bejn il-ġeneri ma jiġux perpetwati.*

- (21) *L-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ jistipula li r-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija għandu jinkludi element dwar il-progress tal-Istati Membri lejn l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji tal-enerġija, partikolarment għall-fjuwils fossili. L-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat tal-Unjoni tal-Enerġija, għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, inkluża metodoloġija għar-rapportar dwar it-tneħħija gradwali tas-sussidji tal-enerġija, partikolarment għall-fjuwils fossili. Barra minn hekk, abbażi tar-riżultati ta' studju li għaddej bħalissa, il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri fl-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji oħra li jagħmlu ħsara lill-ambjent.*
- (22) *Biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, inklużi l-prijoritajiet ta' investiment għal Natura 2000 u l-infrastruttura ekoloġika, il-Kummissjoni vvalutat li mill-inqas EUR 20 biljun fis-sena jenħtieġ li jiġu rilaxxati għall-infiq fuq in-natura. Dan se jirrikjedi l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament privat u pubbliku fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż permezz ta' firxa ta' programmi differenti.*

¹³ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

- (23) *F'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 intitolata 'Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità', it-tmien EAP jenħtieġ li jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni biex tippromwovi l-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi permezz ta' kooperazzjoni u sħubiji internazzjonali, f'fora bilaterali, reġjonali u multilaterali kif ukoll f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. F'konformità mal-impenji internazzjonali, l-Unjoni se tiżgura li s-sustanzi kimiċi perikolużi pprojbiti fl-Unjoni ma jiġux prodotti għall-esportazzjoni, inkluż billi temenda l-leġiżlazzjoni relevanti jekk u kif ikun meħtieġ.*
- (24) *Kemm fl-Unjoni kif ukoll globalment, l-art u l-ħamrija qed ikomplu jiġu degradati minn firxa wiesgħa ta' attivitajiet min-naħa tal-bniedem, bħall-ġestjoni ħażina tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art, prattiki agrikoli insostenibbli, l-abbandun tal-art, it-tniġġis, prattiki forestali insostenibbli u l-issiġillar tal-ħamrija, u minħabba t-telf tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima, spiss flimkien ma' fatturi oħra, u b'hekk jitnaqqsu l-kapaċità tal-art u tal-ħamrija li jipprovdu servizzi u funzjonijiet ekosistemiċi.*
- (25) *Is-sistema alimentari globali, inklużi l-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura, għadha fost il-muturi ewlenin tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, inkluża d-deforestazzjoni globali. Fl-Unjoni, it-trasformazzjoni tas-sistema alimentari tal-Unjoni hija meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kisba tal-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP.*

- (26) *Skont ir-rapport tal-Workshop dwar il-Bijodiversità u l-Pandemiji tad-29 ta' Ottubru 2020 maħruġ mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES), il-kawżi sottostanti tal-pandemiji huma l-istess bidliet ambjentali globali li jwasslu għat-telf tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima, inkluż it-tibdil fl-użu tal-art, l-espansjoni u l-intensifikazzjoni agrikola, u l-kummerċ u l-konsum tal-organiżmi selvaġġi, u fatturi oħra. It-tibdil fil-klima għe implikat fit-tfaċċar tal-mard u x'aktarx se jikkawża riskju pandemiku sostanzjali fil-futur, filwaqt li t-telf tal-bijodiversità huwa assoċjat ukoll mat-trasformazzjoni tal-pajsaġġi u f'xi każijiet jista' jwassal għal żieda fir-riskju ta' mard emerġenti. Skont ir-rapport, il-prezz tan-nuqqas ta' azzjoni huwa ferm akbar mill-prezz tal-implimentazzjoni ta' strateġiji globali għall-prevenzjoni ta' pandemiji bbażati fuq it-tnaqqis tal-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi u t-tibdil fl-użu tal-art u ż-żieda tas-sorveljanza ta' "Saħħa Waħda".*
- (27) *Il-pandemija tal-COVID-19, li wasslet għal kriżi ekonomika u sanitarja globali bla preċedent, reġgħet uriet l-importanza li jiġi applikat l-approċċ multisettorjali ta' "Saħħa Waħda" fit-tfassil tal-politika, li jirrikonoxxi li s-saħħa tal-bniedem tiddependi fuq l-istat tal-ambjent u hija marbuta mal-komponenti u l-fatturi tagħha, inkluża s-saħħa tal-annimali, u li l-azzjonijiet biex jiġi indirizzat it-theddid għas-saħħa jenħtieġ li jqisu l-kumplessità tal-interrelazzjonijiet sanitarji u ambjentali. Jenħtieġ li t-tmien EAP jikkontribwixxi għall-integrazzjoni sħiħa tal-approċċ "Saħħa Waħda" fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politika.*

- (28) *Il-progress lejn ir-rikonoxximent tad-dritt għal ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli, kif stabbilit fir-Riżoluzzjoni 48/13 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, huwa kundizzjoni abilitanti biex jinkisbu l-oġettivi prijoritarji tat-tmien EAP.*
- (29) *It-terminu "approċċ ekosistemiku" li ġie stabbilit fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika huwa strateġija għall-ġestjoni integrata tal-art, l-ilma u r-riżorsi ħajjin li jipromwovi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli b'mod ekwu sabiex jgħin biex jintlaħaq bilanċ bejn it-tliet oġettivi ta' dik il-Konvenzjoni, jiġifieri, il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-kondiviżjoni tal-benefiċċji tad-diversità bijoloġika.*
- (30) *Skont ir-rapport tal-EEA "Nature-based solutions in Europe: Policy, knowledge and practice for climate change adaptation and disaster risk reduction", is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura (NBS) għall-adattament għat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri huma azzjonijiet li jaħdmu man-natura u jtejbuha biex jirrestawraw u jiproteġu l-ekosistemi u jgħinu lis-soċjetà tadatta ruħha għall-impatti tat-tibdil fil-klima u tnaqqas il-pass ta' tisħin ulterjuri, filwaqt li jipprovdu diversi benefiċċji addizzjonali. L-implimentazzjoni tal-NBS jenħtieġ li tkun koerenti mal-oġettivi prijoritarji tat-tmien EAP.*

- (31) *Il-kontabbiltà tal-kapital naturali, għodda li għandha l-għan li tkejjel il-bidliet fl-istokk tal-kapital naturali f'varjetà ta' skali u li tintegra l-valur tas-servizzi ekosistemiċi fis-sistemi tal-kontabbiltà u tar-rapportar, jenħtieġ li tappoġġa l-kejl tal-progress lejn miri u miżuri ambizzjużi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tiġi protetta u restawrata l-bijodiversità, li hija ma tistax tissostitwixxi.*
- (32) *L-ekosistemi marittimi u kostali, bħalma huma l-mangrovji, is-sikek tal-qroll, il-bwar salmastri u l-mergħat tal-algi, qed jiġu degradati u qed jintlaqtu negattivament minħabba Prattiki dannużi, tniġġis u proċessi bħall-ewtrofikazzjoni u l-aċidifikazzjoni, li qed iħallu impatt fuq il-bijodiversità li jsostnu u s-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistema li jipprovdu, kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jaġixxu bħala bjar tal-karbonju. Hemm bżonn azzjoni urġenti biex jiġu protetti u rrestawrati l-ekosistemi marittimi u kostali, inkluż qiegħ l-oċean. Il-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-oċeani jikkostitwixxu sfida globali u responsabbiltà kollettiva, u hemm bżonn li titqajjem kuxjenza u jitjieb il-litteriżmu dwar l-oċeani sabiex jitrawmu l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi mil-livelli kollha tas-soċjetà u l-atturi tagħha.*

- (33) *Id-degradazzjoni ambjentali u l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima huma mistennija li jkomplu jiżdiedu fis-snin li ġejjin, u l-aktar impatt sever se jkun fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-popolazzjonijiet vulnerabbli. Sabiex tgħin fil-bini tar-reżiljenza u tappoġġa lill-pajjiżi terzi fl-isforzi tagħhom biex jimmitigaw, u jadattaw, għat-tibdil fil-klima, kif ukoll jipproteġu l-bijodiversità, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni u l-Istati Membri lil pajjiżi terzi jenħtieġ li tippromwovi l-Aġenda 2030 tan-NU, il-Ftehim ta' Pariġi u l-qafas globali għal wara l-2020 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika u tkun konformi mal-obiettivi prijoritarji tat-tmien EAP. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-Ftehim ta' Pariġi u ftehimiet internazzjonali oħra dwar il-klima u l-ambjent jiġu implimentati b'modi li jirriflettu l-prinċipji ta' ekwità u ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi, kif stabbilit ukoll fl-Artikolu 2(2) tal-Ftehim ta' Pariġi.*
- (34) *Id-diplomazija ekoloġika u l-kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi terzi, inklużi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u appoġġ lil governanza ambjentali globali tajba, inklużi l-promozzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni, il-parteeċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, huma kruċjali biex jinkisbu l-SDGs kif ukoll l-obiettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni. Huwa wkoll essenzjali li jiġu żgurati sinerġiji u koerenza bejn il-politiki kollha interni u esterni tal-Unjoni, inklużi l-politiki u l-ftehimiet kummerċjali, u aderenza mal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli.*

- (35) Billi l-politika ambjentali hija deċentralizzata ħafna, jenħtieġ li tittieħed azzjoni biex jinkisbu l-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP flivelli differenti ta' governanza, jiġifieri fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, b'approċċ kollaborattiv għall-governanza f'diversi livelli. **Monitoraġġ, implimentazzjoni, infurzar u kontabbiltà effiċjenti huma essenzjali, u l-governanza effettiva hija neċessarja sabiex tiġi żgurata koerenza bejn il-politiki.** L-approċċ integrat għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika jenħtieġ li jissaħħaħ bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn l-objettivi ambjentali, soċjali u ekonomiċi **billi jiġu skrinjati sistematikament u, jekk ikun xieraq, evalwati l-kompromessi potenzjali bejniethom, kif ukoll jiġu evalwati sistematikament il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli u emarġinati. Jenħtieġ li dan l-approċċ deċentralizzat u integrat jissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni kollha, inklużi ż-żoni urbani u rurali u r-reġjuni ultraperiferiċi.** Barra minn hekk, **l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali, kif ukoll l-aċċess għall-ġustizzja, inkluż id-djalogu trasparenti mal-awtoritajiet pubbliċi u bejniethom fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-atturi mhux governattivi u l-pubbliku ġenerali** skont il-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali¹⁴ ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus"), **huma importanti biex jiġi żgurat is-suċċess tat-tmien EAP.**

¹⁴ ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

- (36) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-progress fil-kisba tal-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP mill-Unjoni u l-Istati Membri fil-kuntest tat-tranżizzjoni **ġusta u inklużiva** lejn is-sostenibbiltà, il-benesseri u r-reżiljenza **fi ħdan il-limiti planetarji**. Dan huwa konformi mat-talbiet ***tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri fid-dikjarazzjoni ta' Porto***, tal-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar l-Ekonomija tal-Benesseri untal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fid-Dokument ta' Riflessjoni tiegħu "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030" għall-kejl tal-prestazzjoni ekonomika u l-progress tas-soċjetà "lil hinn mill-PDG", u l-mixja lejn l-użu tal-benesseri bħala kumpass għall-politika, li hija appoġġata wkoll mill-OECD.
- (37) Il-valutazzjoni tal-progress lejn il-kisba tal-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP għandha tirrifletti l-aħħar żviluppi fir-rigward tad-disponibbiltà u r-rilevanza tad-data u l-indikaturi. Jenħtieġ li tkun koerenti mal-għodod ta' monitoraġġ jew governanza u mingħajr preġudizzju għalihom, li jkopru aspetti aktar speċifiċi tal-politika ambjentali u klimatika, bħal b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2018/1999, ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali, imħabbra mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tas-27 ta' Mejju 2016 intitolata 'It-twassil tal-benefiċċji tal-politiki ambjentali tal-UE permezz ta' Analiżi regolari tal-Implimentazzjoni Ambjentali', u għodod ta' monitoraġġ relatati ***ma' ekonomija*** ċirkolari, mat-tniġġis żero, mal-bijodiversità, mal-arja, mal-ilma, mal-ħamrija, mal-iskart, jew ma' kwalunkwe politika ambjentali oħra. Flimkien ma' għodod użati fis-Semestru Ewropew, il-Monitoraġġ tal-SDGs tal-Eurostat u fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Rapport tal-Prospettiva Strateġika tal-2020", ***il-valutazzjoni tal-progress lejn il-kisba tal-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP jenħtieġ li tiffirma*** parti minn sett ***trasversali***, koerenti u interkonness ta' għodod ta' monitoraġġ u governanza ***li jkopri mhux biss fatturi ambjentali iżda wkoll fatturi soċjali u ekonomiċi***.

- (38) *L-iżvilupp ulterjuri tal-bażi ta' għarfien dwar il-limiti planetarji u l-impronti ambjentali, u l-iżvilupp ta' settijiet ta' indikaturi rilevanti, huma importanti fid-dawl tal-objettivi prijoritarji tat-tmien EAP, b'mod partikolari l-objettiv prijoritarju tiegħu fit-tul.*
- (39) *Hemm bżonn data u indikaturi robusti u sinifikanti sabiex isir monitoraġġ tal-progress magħmul biex jinkisbu l-objettivi tat-tmien EAP. Il-Kummissjoni, l-EEA u aġenziji rilevanti oħra jenħtieġ li jaċċessaw, jużaw mill-ġdid u jibnu fuq id-data u l-indikaturi pprovduti mill-Istati Membri skont l-atti legali applikabbli tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jintużaw sorsi oħra ta' data, bħal data satellitari u informazzjoni pproċessata meħuda mill-Programm ■ ta' **Osservazzjoni** tad-Dinja (Copernicus) **tal-Unjoni**, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti, **is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversità għall-Ewropa**, **is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art** u s-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar, u pjattaformi ta' data bħan-Network Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima u l-Pjattaforma ta' Informazzjoni għall-Monitoraġġ tas-Sustanzi Kimiċi. L-applikazzjoni ta' għodod diġitali moderni u intelliġenża artiċijali tippermetti d-data tiġi ġestita u analizzata b'mod effettiv u b'hekk tnaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li żżid il-puntwalità u l-kwalità. **Biex jiġi vvalutat il-progress lejn il-kisba tal-objettivi ta' prijorità tat-tmien EAP, jistgħu jintużaw miri li ma jkunux legalment vinkolanti flimkien ma' miri legalment vinkolanti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.***

- (40) Barra minn hekk, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttivi 2003/4/KE¹⁵, 2007/2/KE¹⁶ u (UE) 2019/1024¹⁷ tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-data, l-informazzjoni u l-indikaturi rilevanti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tat-tmien EAP ikunu disponibbli liberament, mhux diskriminatorji, b'aċċess miftuħ, adegwat, ta' kwalità għolja, komparabbli, aġġornati, faċli għall-utent u aċċessibbli faċilment online.
- (41) Sabiex jinkisbu l-oġettivi prijoritarji tat-tmien EAP, l-EEA u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), ***kif ukoll l-Istati Membri***, jenħtieġ li jkunu mgħammra b'kapaċità adegwata u riżorsi suffiċjenti biex jiżguraw bażi ta' għarfien u evidenza soda, aċċessibbli u trasparenti biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-valutazzjoni tal-progress taħt it-tmien EAP. ***Fejn rilevanti, korpi u aġenziji oħra wkoll jenħtieġ li jkunu involuti u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' dawk il-prijoritajiet strateġiċi u għal dik il-valutazzjoni tal-progress.***

¹⁵ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

¹⁶ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

¹⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

(42) *L-Artikolu 192(3), l-ewwel subparagrafu, tat-TFUE jipprevedi li huma l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li għandhom jadottaw programmi ta' azzjoni ġenerali li jistabbilixxu l-oġġettivi prijoritarji li jridu jinkisbu fil-qasam tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent. Peress li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew fiha pjan direzzjonali tal-azzjonijiet ewlenin rilevanti għall-qasam ambjentali u klimatiku fis-snin li ġejjin, eċċezzjonalment din id-Deċiżjoni ma tiddefinixxix azzjonijiet biex jinkisbu l-oġġettivi prijoritarji tagħha għall-perijodu sal-2025. Madankollu, se jkun hemm bżonn li dan isir għall-perijodu ta' wara l-istabbiliment tal-azzjonijiet ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li huwa mistenni li jseħħ sal-2024, biex jiġi żgurat li l-oġġettivi tematiċi prijoritarji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jinkisbu u li t-tmien EAP ikompli jistabbilixxi l-viżjoni ġenerali tal-politika ambjentali tal-Unjoni. Dan huwa meħtieġ ukoll sabiex jiġu rispettati l-prerogattivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill skont l-Artikolu 192(3), l-ewwel subparagrafu, tat-TFUE, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Għal dak il-għan, jenħtieġ li jkun hemm rieżami ta' nofs it-terminu mwettaq mill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2024, segwit, fejn xieraq, sabiex jinkisbu l-oġġettivi tematiċi prijoritarji, sal-31 ta' Marzu 2025, minn proposta leġiżlattiva li żżid anness ma' din id-Deċiżjoni.*

- (43) Sabiex jitqiesu l-objettivi politiċi li qed jevolvu u l-progress li sar, it-tmien EAP jenħtieġ li jiġi evalwat mill-Kummissjoni fl-2029. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkun fih is-sejbiet ewlenin ta' dik l-evalwazzjoni, segwit, jekk xieraq, bi proposta leġiżlattiva għall-programm ta' azzjoni ambjentali li jmiss. Tali proposta leġiżlattiva jenħtieġ li tiġi ppreżentata fi żmien utli, bil-ħsieb li jiġi evitat distakk bejn it-tmien u d-disa' EAP.***
- (44) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-programm ta' azzjoni propost, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm ta' azzjoni ġenerali fil-qasam tal-ambjent għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2030 ("**it-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali**" jew "it-tmien EAP"). Dan jistabbilixxi l-oġġettivi prijoritarji tat-tmien EAP u jidentifika l-kundizzjonijiet abilitanti **meħtieġa** għall-kisba **ta' dawk l-oġġettivi prijoritarji**. **Huwa** jistabbilixxi qafas **ta' monitoraġġ** biex jitkejjel **il-progress tal-Unjoni** u l-Istati Membri tagħha **lejn il-kisba tal-oġġettivi** prijoritarji tat-tmien EAP u **mekkaniżmu ta' governanza** **biex jiżgura l-kisba ta' dawk l-oġġettivi prijoritarji**.
2. It-tmien EAP għandu l-għan li jħaffef it-tranżizzjoni **ekoloġika** lejn ekonomija newtrali mil-lat ta' klima, **sostenibbli, mhux tossika**, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, **ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, reżiljenti, kompetittiva** u ċirkolari b'mod ġust, **ekwu** u inklużiv, u **li tippoteġi, tirrestawra u ttejjeb l-istat tal-ambjent, anki fost oħrajn, billi twaqqaf jew treġġa' lura t-telf tal-bijodiversità**. **Huwa jappoġġa u jsaħħaħ approċċ integrat ta' politika u ta' implimentazzjoni, li jibni fuq il-Patt** Ekoloġiku Ewropew.

3. It-tmien EAP huwa l-bażi għall-kisba tal-objettivi ambjentali u klimatiċi ddefiniti skont l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-SDGs tagħha, ***kif ukoll għal dawk segwiti mill-ftehimiet ambjentali u klimatiċi multilaterali*** .
4. Il-qafas ta' monitoraġġ tat-tmien EAP ***għandu jikkontribwixxi għall-isforzi tal-Unjoni*** biex tkejjel il-progress lejn is-sostenibbiltà, **■** il-benesseri u r-reżiljenza.
5. ***It-tmien EAP għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju prekawzjonali, il-prinċipji tal-azzjoni preventiva u ta' rettifika tat-tniġġis mis-sors u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.***

Artikolu 2
Objettivi prijoritarji

1. It-tmien EAP għandu ***jkollu*** l-objettiv prijoritarju fit-tul ***li sa mhux aktar tard mill-2050, il-persuni*** jgħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti planetarji f'ekonomija ***tal-benesseri*** fejn ma jinħela xejn, ***it-tkabbir ikun riġenerattiv, tkun inkisbet in-newtralità klimatika fl-Unjoni u l-inugwaljanzi jkunu tnaqqsu b'mod sinifikanti.*** Ambjent b'saħħtu jirfed il-benesseri ***tal-persuni kollha u huwa ambjent li fih il-bijodiversità hija preservata u l-ekosistemi jiffjorixxu, u n-natura tiġi protetta u rrestawrata, li jwassal*** għal reżiljenza akbar għat-tibdil fil-klima, għad-diżastri ***relatati mat-temp u l-klima*** u riskji ambjentali oħra. L-Unjoni tistabbilixxi l-pass biex tiżgura l-prosperità tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri globalment, ***gwidata mir-responsabbiltà interġenerazzjonali.***

2. It-tmien EAP għandu **jkollu** s-sitt objettivi tematiċi prijoritarji **interkonnessi** li ġejjin **għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2030**:

- (a) it-tnaqqis **mgħaġġel** u **prevedibbli** tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u, **fl-istess ħin, it-titjib** tal-assorbimenti minn bjar naturali ■ fl-Unjoni biex tinkiseb il-mira tal-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, **f'konformità mal-obiettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni li ma tħalli lil ħadd lura**;
- (b) progress kontinwu fit-titjib **u l-integrazzjoni** tal-kapaċità ta' adattament, **inkluż abbażi tal-approċċi tal-ekosistema**, it-tiŝhih tar-reżiljenza u l-adattament u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà **tal-ambjent, is-soċjetà u s-setturi kollha tal-ekonomija** għat-tibdil fil-klima, **filwaqt li tittejjeb il-prevenzjoni tad-diżastri relatati mat-temp u l-klima u t-tħejjija għalihom**;
- (c) il-progress lejn **ekonomija tal-benesseri** li **tagħti** lura lill-pjaneta aktar milli **tieħu, u taċċellera t-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari mhux tossika fejn it-tkabbir ikun riġenerattiv, ir-riżorsi jintużaw b'mod effiċjenti u sostenibbli, u tiġi applikata l-ġerarkija tal-iskart**;

- (d) li **jiġi segwit "tniġġis zero"**, anki fir-rigward ta' kimiċi dannużi, sabiex jinkiseb ambjent mhux tossiku, inkluż għal dak li jikkonċerna l-arja, l-ilma u l-ħamrija **kif ukoll it-tniġġis tad-dawl u dak akustiku**, u li jiġu protetti s-saħħa u l-benesseri **tal-persuni**, l-annimali u l-ekosistemi minn riskji u impatti **negattivi** relatati mal-ambjent;
- (e) il-protezzjoni, il-preservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità **tal-baħar u tal-bijodiversità tal-art u l-bijodiversità tal-ilmijiet interni ġewwa u barra ż-żoni protetti billi, fost l-oħrajn, jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità u jittejjeb l-istat tal-ekosistemi u l-funzjonijiet tagħhom u s-servizzi li jipprovdu, u jittejjeb l-istat tal-ambjent, b'mod partikolari l-arja, l-ilma u l-ħamrija, kif ukoll billi jiġu miġġielda d-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-ħamrija**;
- (f) il-promozzjoni **tal-aspetti ambjentali** tas-sostenibbiltà u t-tnaqqis **sinifikanti** tal-pressjonijiet ambjentali u klimatiċi ewlenin relatati mal-produzzjoni u l-konsum **tal-Unjoni**, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija, **l-industrija**, il-bini u l-infrastruttura, il-mobbiltà, **it-turiżmu, il-kummerċ internazzjonali** u s-sistema tal-ikel.

Artikolu 3

Kundizzjonijiet li jippermettu li jinkisbu l-objettivi prijoritarji ■

Il-kisba tal-objettivi prijoritarji mniżżla fl-Artikolu 2 *għandu* jeħtieġ **li l-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u l-partijiet ikkonċernati, kif xieraq:**

- (a) ***jżguraw*** implimentazzjoni effettiva, ***rapida u sħiħa*** tal-leġislazzjoni ***u l-istrateġiji*** tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-klima u ***jstinkaw biex jiksbu l-eċċellenza*** fil-prestazzjoni ambjentali fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali inkluż ***billi jipprovd*** kapaċità ***suffiċjenti*** fl-ambitu amministrattiv u ta' assigurazzjoni tal-konformità, kif stipulat fir-Rieżami regolari tal-Implimentazzjoni Ambjentali, ***jappoġġaw u jikkooperaw man-networks tal-prattikanti, bħan-Network tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali, in-Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent u l-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent u n-Network Ewropew kontra l-Kriminalità Ambjentali;***

- (b) *jagħtu prijorità lill-infurzar tal-liġi ambjentali tal-Unjoni fejn l-implimentazzjoni tkun nieqsa, inkluż permezz ta' proċedimenti ta' ksur, kif ukoll billi jiżguraw li jiġu allokat biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għal dan l-iskop u li l-informazzjoni dwar dawk il-proċedimenti tkun kompluta u faċilment aċċessibbli, filwaqt jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni;*
- (c) *itejbu l-gwida u r-rakkomandazzjonijiet, anki dawk dwar penali effettivi, dissważivi u proporzjonati biex inaqqsu r-riskji tan-nuqqas ta' konformità mad-dritt ambjentali tal-Unjoni, kif ukoll isaħħu l-azzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà ambjentali u tar-rispons għan-nuqqas ta' konformità, u jsaħħu l-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-kriminalità ambjentali kif stipulat fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, bħad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸;*
- (d) *isaħħu l-approċċ integrat għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika, b'mod partikolari billi:*

¹⁸ *Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).*

- (i) ***jintegraw*** l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 2, ***kif ukoll, meta rilevanti, fl-SDGs***, fl-istrategġiji, l-inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, il-programmi, l-investimenti u l-proġetti kollha rilevanti fil-livell tal-Unjoni, ***kif ukoll fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex kif ukoll fil-ftehimiet internazzjonali rilevanti konklużi mill-Unjoni wara ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni], sabiex jiġi żgurati li daww l-istrategġiji, l-inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, il-programmi, l-investimenti, il-proġetti u l-ftehimiet internazzjonali*** u l-implimentazzjoni tagħhom ***ikunu konsistenti mal-objettivi prijoritarji u jikkontribwixxu għalihom, fejn rilevanti***, u ma jagħmlu l-ebda ħsara lil xi wieħed mill-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 2;
- (ii) ***jimmassimizzaw il-benefiċċji*** mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 2011/92/UE¹⁹ u 2001/42/KE²⁰ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- (iii) ***jiskrinjaw u, fejn xieraq, jevalwaw b'mod sistematiku*** s-sinerġiji u l-kompromessi potenzjali bejn l-objettivi ambjentali, soċjali u ekonomiċi ***għall-inizjattivi kollha sabiex jiġi żgurati li l-benesseri tal-persuni, u b'mod partikolari l-ħtiġijiet tagħhom għal ambjent tajjeb għas-saħħa, arja nadifa, ikel, ilma, enerġija, akkomodazzjoni, infrastruttura ekoloġika u mobbiltà li jkunu għal but ta' kulħadd u jkunu ta' kwalità tajba u aċċessibbli*** jintlaħqu b'mod sostenibbli li ma jħalli lil ħadd lura;

¹⁹ ***Id-Direttiva 2001/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2002, p. 1).***

²⁰ ***Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).***

- (iv) *jadottaw approċċ "L-Ewwel Aħseb fis-Sostenibbiltà", anki billi jintegraw, fejn rilevanti, l-SDGs fil-linji gwida u s-sett ta' għodod għal regolamentazzjoni aħjar, kif ukoll jissimplifikaw u jrendu operattiv il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara";*
- (v) *iwettqu evalwazzjoni regolari tal-politiki eżistenti u, fejn xieraq, jipproponu leġiżlazzjoni ġdida, abbażi, meta rilevanti, ta' valutazzjonijiet tal-impatt li huma bbażati fuq konsultazzjonijiet wiesgħa u trasparenti li jsegwu proċeduri li jkunu responsabbli, inklużivi, infurmati u sempliċi biex jiġu implimentati, u li jqisu l-medda sħiħa tal-impatti immedjati u fit-tul fuq l-ambjent u l-klima, bħala parti minn analiżi integrata ta' impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali, inklużi l-effetti kumulattivi tagħhom, kif ukoll l-ispiża tal-azzjoni u tan-nuqqas ta' azzjoni;*
- (vi) *jippreżentaw, fi żmien tmien ġimgħat mill-għeluq ta' konsultazzjoni pubblika mill-Kummissjoni, feedback dettaljat dwar it-tweġibiet tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, u jagħmlu distinzjoni bejn il-kontributi minn tipi differenti ta' partijiet ikkonċernati;*

- (e) *jiżviluppaw tabella operattiva sommarja u sett ta' indikaturi li jkejlu "lil hinn mill-PDG", abbażi, fost l-oħrajn, konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha kif ukoll rapport li jidentifika l-interkonnessjonijiet bejn is-settijiet ta' indikaturi eżistenti, l-oqfsa u l-proċessi ta' monitoraġġ fil-livell tal-Unjoni li jkejlu l-progress soċjali, ekonomiku u ambjentali u li jipproponi azzjoni dwar kif it-tabelli operattivi u s-settijiet ta' indikaturi eżistenti jistgħu jiġu ssimplifikati;*
- (f) *jiżguraw li l-inugwaljanzi soċjali li jirriżultaw mill-impatti u l-politiki relatati mal-klima u l-ambjent jiġu minimizzati u li l-miżuri meħuda biex jipproteġu l-ambjent u l-klima jitwettqu b'mod soċjalment ġust u inklużiv;*
- (g) *jintergraw l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha relatati mal-klima u l-ambjent, anki billi jinkorporaw perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-istadji kollha tal-proċess tat-tfassil tal-politika;*
- (h) *isaħħu l-inċentivi ambjentalment pożittivi kif ukoll jeliminaw b'mod gradwali s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, b'mod partikolari s-sussidji għall-fjuwils fossili, fil-livell tal-Unjoni u fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali mingħajr dewmien, fost oħrajn billi:*
- (i) *jistabbilixxu qafas vinkolanti għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-progress tal-Istati Membri fit-tneħħija gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili abbażi ta' metodoloġija miftiehma;*

- (ii) *jiffissaw data ta' skadenza għat-tneħħija gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili, konsistenti mal-ambizzjoni li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C;*
- (iii) *issir metodoloġija li ykun stabbilita mill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, sal-2023, għall-identifikazzjoni ta' sussidji oħra li jagħmlu ħsara lill-ambjent. L-Istati Membri għandhom, abbażi ta' dik il-metodoloġija, jidentifikaw sussidji oħra li jagħmlu ħsara lill-ambjent u jirrapportawhom regolarment lill-Kummissjoni, biex b'hekk jiffaċilitaw rapport tal-Kummissjoni dwar il-livell u t-tip ta' tali sussidji fl-Unjoni, u dwar il-progress li jkun sar fit-tneħħija gradwali tagħhom;*
- (i) *jintegraw l-azzjoni dwar il-bijodiversità fil-politiki tal-Unjoni u jikkontribwixxu għall-kisba tal-ambizzjoni ġenerali li 7,5 % tal-infiq annwali fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 jiġi ddedikat għall-oġettivi tal-bijodiversità fl-2024 u 10 % tal-infiq annwali fl-2026 u fl-2027, u tali infiq jiġi mmonitorjat permezz ta' metodoloġija effettiva, trasparenti u komprensiva, filwaqt li jqisu s-sovrappożizzjonijiet eżistenti bejn l-għanijiet klimatiċi u dawk tal-bijodiversità.*
- (j) *jiżguraw li d-dimensjonijiet tal-klima u l-bijodiversità jiġu integrati u vverifikati b'mod effettivi fil-baġit tal-Unjoni u jiżguraw il-konsistenza bejn il-finanzjament għall-klima u dak għall-bijodiversità;*

- (k) *jippromwovu l-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi fil-livell internazzjonali, filwaqt li jippromwovu wkoll it-tneħħija gradwali u globali ta' sustanzi li mhumiex awtorizzati fl-Unjoni;*
- (l) *jissostitwixxu b'mod rapidu s-sustanzi ta' tħassib, inklużi s-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, is-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali, is-sustanzi kimiċi persistenti ħafna, in-newrotossikanti u l-immunotossikanti, kif ukoll jindirizzaw l-effetti kkombinati tas-sustanzi kimiċi, in-nanoforom tas-sustanzi u l-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi mill-prodotti, jivvalutaw l-impatti tagħhom fuq is-saħħa u l-ambjent, inkluż il-klima, u l-bijodiversità, filwaqt li jippromwovu kimiċi u materjali sikuri u sostenibbli mit-tfassil tagħhom, u jżidu u jikkoordinaw l-isforzi biex jippromwovu l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali;*
- (m) *jindirizzaw id-degradazzjoni tal-art u jggarantixxu l-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ħamrija, inkluż permezz ta' proposta leġiżlattiva speċifikament dwar is-saħħa tal-ħamrija sal-2023;*
- (n) *jitransformaw is-sistema tal-ikel tal-Unjoni, sabiex, fost l-oħrajn, tikkontribwixxi għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità fl-Unjoni u lil hinn minnha, u jiżguraw livell għoli ta' benesseri tal-annimali filwaqt li jiżguraw tranżizzjoni ġusta għall-partijiet ikkonċernati affettwati;*

- (o) *jirrikonoxxu b'mod olistiku l-interkonnessjonijiet bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent permezz tal-integrazzjoni tal-approċċ "Saħħa Waħda" fit-tfassil tal-politika;*
- (p) *jagħmlu progress lejn ir-rikonoxximent ta' dritt għal ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli fuq livell internazzjonali;*
- (q) *jagħmlu użu sħiħ mill-approċċi tal-ekosistema u l-infrastruttura ekoloġika, inklużi soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li jiffavorixxu l-bijodiversità filwaqt li jiżguraw ukoll li l-implimentazzjoni tagħhom tirrestawra l-bijodiversità u ssaħħa l-integrità u l-konnettività tal-ekosistema, ikollha kobenefiċċji soċjetali ċari, li jeħtieġu impenn sħiħ mal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u l-kunsens għalihom, u ma tissostitwix jew timmina l-miżuri meħuda biex tiġi protetta l-bijodiversità jew jiġnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni;*
- (r) *jagħmlu użu mill-għodod u l-metodoloġiji eżistenti u jtejbu aktar il-metodi ta' monitoraġġ, l-għodod ta' evalwazzjoni u l-indikaturi li jistgħu jitkejlu għal soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;*
- (s) *inaqqsu b'mod sinifikanti l-impront materjali u tal-konsum tal-Unjoni biex jinġiebu konformi mal-limiti tal-pjaneta malajr kemm jista' jkun, anki bl-introduzzjoni tal-miri ta' tnaqqis tal-Unjoni għall-2030, kif xieraq;*

- (t) ***jintegraw b'mod effettiv l-SDGs kif ukoll tal-objettivi klimatiċi u ambjentali*** fis-Semestru Ewropew tal-governanza ekonomika, ***mingħajr preġudizzju għall-iskop oriġinali tiegħu***, inkluż fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza;
- (u) ***jimmobilizzaw riżorsi u jiżguraw biżżejjed*** investimenti sostenibbli minn sorsi pubbliċi u privati, inkluż fondi u strumenti disponibbli taħt il-baġit tal-Unjoni, permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment u fil-livell nazzjonali, ***b'mod konsistenti mal-aġenda ta' politika tal-Unjoni għall-finanzi sostenibbli***;
- (v) ***jagħmlu l-aħjar użu tat-tassazzjoni ambjentali, strumenti bbażati fuq is-suq u għodod ta' bbaġitjar u ta' finanzjament ekoloġiċi, inklużi dawk meħtieġa biex tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta, u jappoġġaw lin-negozji u lil partijiet ikkonċernati oħrajn fl-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' prattiki standardizzati ta' kontabbiltà tal-kapital naturali***;
- (w) ***jiżguraw li l-politiki u l-azzjoni ambjentali fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, ikunu bbażati fuq l-aħjar għarfien xjentifiku u teknoloġiji disponibbli u jsaħħu l-bażi tal-għarfien ambjentali, inkluż l-għarfien indiġenu u lokali, u l-adozzjoni tagħha, inkluż permezz tar-riċerka, l-innovazzjoni, it-trawwem tal-ħiliet ekoloġiċi, it-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid, u l-bini ulterjuri tal-kontabbiltà ambjentali u tal-ekosistemi***;

- (x) *jiżviluppaw u jikkonsolidaw il-bażi ta' għarfien, fost l-oħrajn, dwar ir-rekwiżiti għal bidla sistemika, kif wieħed jista' jaqleb minn fokus politiku kkompartimentalizzat u bbażat fuq is-settur għal approċċ sistemiku għall-koerenza tal-politika, kif ukoll il-kapaċità ta' ekosistemi differenti li jaġixxu bħala bjar u stokks ta' gassijiet serra;*
- (y) *jisfruttaw il-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali u tad-data biex jappoġġaw il-politika ambjentali, inkluż billi titwassal data f'ħin reali, fejn possibbli, u informazzjoni dwar l-istat tal-ekosistemi, filwaqt li jżidu l-isforzi biex jimminimizzaw l-impronta ambjentali ta' dawn it-teknoloġiji, u jiżguraw it-trasparenza, l-awtentiċità, l-interoperabbiltà u l-aċċessibbiltà għall-pubbliku tad-data u tal-informazzjoni;*
- (z) *jagħlqu l-lakuni fis-settijiet ta' indikaturi rilevanti, u jottimizzawhom, bħal dawk relatati ma' bidla sistemika, limiti planetarji u l-impront tal-produzzjoni u l-konsum tal-Unjoni, kif ukoll dawk li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-fatturi ambjentali u soċjoekonomiċi, bħall-inugwaljanzi li jirriżultaw minn tibdil ambjentali, filwaqt li jiżguraw li s-settijiet ta' indikaturi jkunu komparabbli fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politika;*
- (aa) *jimmobilizzaw appoġġ wiesa' mis-soċjetà ċivili billi jaħdmu man-negozji, b'mod partikolari l-impriżi żgħar u ta' daqs medju, is-sħab soċjali, iċ-ċittadini, il-komunitajiet u partijiet ikkonċernati oħra;*

- (ab) *iqajmu kuxjenza dwar l-importanza li jintlaħqu l-objettivi prijoritarji mniżżla fl-Artikolu 2, u jsaħħu l-kapaċità taċ-ċittadini li jaġixxu permezz tal-promozzjoni, fost l-oħrajn, tad-dibattitu u l-komunikazzjoni fil-livelli kollha, l-edukazzjoni ambjentali tul il-ħajja, l-involvement ċiviku u l-azzjoni mmexxija mill-komunità;*
- (ac) *jikkontribwixxu għall-appoġġ tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet pubbliċi, iċ-ċittadini u l-komunitajiet, is-sħab soċjali u s-settur privat fl-identifikazzjoni tar-riskji klimatiċi u ambjentali, fl-evalwazzjoni tal-impatt tagħhom u fit-teħid ta' azzjoni biex jipprevjenu, jimmitigaw u jadattaw għal tali riskji, kif ukoll irawmu l-impenn tagħhom biex jagħlqu l-lakuni fl-għarfien billi, fost l-oħrajn, jinkoraġġixxu l-osservazzjoni u r-rappurtar taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet ambjentali u lakuni ta' konformità, inkluż il-promozzjoni ta' prattiki tajba tax-xjenza miċ-ċittadini bl-użu ta' teknoloġiji diġitali;*
- (ad) *jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji, politiki jew leġiżlazzjoni relatati mat-tmien EAP u jiżguraw il-parteeċipazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet reġjonali u lokali f'żoni urbani u rurali inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi fid-dimensjonijiet kollha tat-tfassil tal-politika ambjentali permezz ta' approċċ kollaborattiv u f'diversi livelli u jiżguraw li l-komunitajiet reġjonali u lokali jkollhom riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni fil-prattika;*

- (ae) *isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-politika ambjentali u klimatika, inkluż bejn il-Kummissjoni u l-Kumitat tar-Reġjuni fil-qafas tal-kooperazzjoni msaħħa tagħhom, u jesploraw kif jistgħu jittejbu d-djalogu u l-ippuljar tal-informazzjoni;*
- (af) *japplikaw b'mod effettiv standards għoljin għat-trasparenza, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku u l-aċċess għall-ġustizzja skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri;*
- (ag) *irendu d-data u l-evidenza marbuta mal-implimentazzjoni tat-tmien EAP disponibbli pubblikament, faċilment aċċessibbli u komprensibbli, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità fil-leġiżlazzjoni speċifika għall-qasam;*
- (ah) *jappoġġaw l-adozzjoni globali tal-oġettivi prijoritarji mniżżla fl-Artikolu 2, filwaqt li jiżguraw il-koerenza bejn l-approċċi interni u esterni u l-azzjoni koordinata, b'mod partikolari fir-rigward:*
- (i) *tal-involviment ma' pajjiżi terzi dwar azzjoni klimatika u ambjentali, l-inkoraġġiment u l-appoġġ tagħhom biex jadottaw u jimplementaw regoli f'dawk l-oqsma li jkunu tal-anqas ambizzjużi daqs dawk tal-Unjoni, u l-iżgurar li l-prodotti kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tat-twaqqif tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-art;*

- (ii) *tat-trawwim ta' governanza korporattiva sostenibbli, inkluż l-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' diliġenza dovuta obbligatorji fil-livell tal-Unjoni, u l-promozzjoni tal-adozzjoni ta' mgħiba responsabbli fin-negozju fil-politiki esterni tal-Unjoni, inkluż fil-politika kummerċjali;*
- (iii) *tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-gvernijiet, in-negozji, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali biex jiffurmaw sħubiji u alleanzi għall-protezzjoni tal-ambjent u tal-klima u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni dwar it-tibdil ambjentali u klimatiku, anki fil-G7 u l-G20;*
- (iv) *tat-turija ta' rwol mexxej fil-fora internazzjonali billi, fost l-oħrajn, il-kisba tal-SDGs mill-Unjoni kif ukoll tal-oġettivi stabbili fil-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni u ftehimiet ambjentali multilaterali oħrajn, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-implimentazzjoni tagħhom, u l-appoġġ lil pajjiżi terzi biex jagħmlu l-istess, inkluż billi jiżiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà fir-rigward tal-progress dwar l-impenji li saru skont dawk il-ftehimiet;*
- (v) *tat-tisħiħ tal-governanza ambjentali internazzjonali billi jitneħħew il-lakuni li fadal u jissaħħaħ ir-rispett għal, u l-applikazzjoni ta', prinċipji ambjentali internazzjonali rikonoxxuti;*
- (vi) *tal-iżgurar li l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni u tal-Istati Membri lil pajjiżi terzi tippromwovi l-Aġenda 2030 tan-NU.*

Artikolu 4

Qafas ta' monitoraġġ *u governanza*

1. Il-Kummissjoni, appoġġata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), ***mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tagħhom***, għandha ***timmonitorja***, tivvaluta u tirrapporta dwar il-progress tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-kisba tal-oġġettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 2 fuq bażi ***annwali***, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3, ***u l-għan ġenerali li tinkiseb bidla sistemika. L-informazzjoni li tirriżulta minn dak il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u r-rapportar għandha tkun disponibbli għall-pubbliku u faċilment aċċessibbli.***
2. ***Il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u r-rapportar msemmija fil-paragrafu 1 għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-komunikazzjoni politika strateġika ta' livell għoli. Wara proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, il-Kummissjoni għandha, sa... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni], tippreżenta qafas ta' monitoraġġ, ibbażat fuq għadd limitat ta' indikaturi ewlenin, li jinkludu, fejn disponibbli, indikaturi sistemiċi li jindirizzaw, fost oħrajn, ir-rabta ambjentali - soċjali u ambjentali - ekonomika. Il-lista ta' indikaturi ewlenin għandha tibqa' stabbli biex tiżgura l-obbligu ta' rendikont. Madankollu, għandha tiġi aġġornata fejn xieraq biex tirrifletti l-aħħar żviluppi f'termini ta' politika u ta' indikaturi.***

3. ***Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 1 ***għandhom jirriflettu*** l-aħħar żviluppi fir-rigward tad-disponibbiltà u r-rilevanza tad-*data* u l-indikaturi u għandhom jibnu ***fuq id-data*** disponibbli fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari d-*data* u l-indikaturi prodotti mill-EEA u s-Sistema Statistika Ewropea, ***bil-ħsieb li jitnaqqas il-piż amministrattiv***. Din il-valutazzjoni għandha tkun koerenti ma', u mingħajr preġudizzju, għall-oqfsa u l-eżerċizzji ***l-oħra*** ta' monitoraġġ, rapportar u governanza li jkopru l-politika ambjentali u klimatika. ***Din għandha tkun ibbażata fuq metodoloġija li tippermetti, fejn possibbli, il-kejl tad-distanza mill-miri fir-rigward tal-objettivi prijoritarji mniżżla fl-Artikolu 2 u l-indikaturi ewlenin magħżula.***
4. ***Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom iqisu u jiskambjaw opinjonijiet kull sena dwar il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll azzjonijiet meħuda u azzjonijiet futuri possibbli.***
5. L-EEA u l-ECHA għandhom jappoġġaw lill-Kummissjoni fit-titjib tad-disponibbiltà u r-rilevanza tad-*data*, ***l-indikaturi*** u l-għarfien, b'mod partikolari billi jwettqu dan li ġej:
- (a) il-ġbir, l-ipproċessar u r-rapportar ta' *data* u evidenza b'għodod diġitali moderni, ***filwaqt li jtejbu l-metodoloġiji għall-ġbir u t-trattament tad-data u biex jiżviluppaw indikaturi armonizzati;***

- (b) *it-tisħiħ u l-għoti ta' appoġġ għar-riċerka bażika, għall-immappjar u għall-monitoraġġ;*
- (c) *ħidma lejn l-għeluq tal-lakuni rilevanti tad-data ta' monitoraġġ, flimkien mal-Istati Membri u b'kont meħud tal-ħtieġa għal bidla sistemika;*
- (d) *it-twetiq ta' analiżijiet sistemiċi u rilevanti għall-politika, u l-kontribut għall-implimentazzjoni tal-oġettivi ta' politika fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, inkluż billi jiġu proposti rakkomandazzjonijiet biex jissaħħaħ il-progress fil-kisba tal-oġettivi;*
- (e) *l-integrazzjoni tad-data dwar l-impatti ambjentali, fuq is-saħħa, soċjali u ekonomiċi, u l-isfruttar sħiħ ta' data u servizzi disponibbli oħra, bħal dawk mogħtija minn Copernicus;*
- (f) *il-kontribut biex jingħalqu l-lakuni kritiċi fl-għarfien dwar il-punti ta' protezzjoni ekoloġiċi, filwaqt li jiġqiesu d-differenzi ġeografiċi u ekoloġiċi bejn ir-reġjuni;*
- (g) *l-iżvilupp ta' għodod kwantitattivi u kwalitattivi, inkluż tbassir u mudelli, li jistgħu jipprovdu, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar l-impatti futuri potenzjali fuq is-sistema kollha ta' politiki relatati mal-ambjent u l-klima u dwar "id-distanza għall-miri";*

- (h) it-titjib ulterjuri *tad-disponibbiltà u l-interoperabbiltà tad-data u* tal-aċċess għad-*data* permezz tal-programmi tal-Unjoni;
 - (i) l-iżgurar tat-trasparenza u tar-responsabbiltà.
6. Il-Kummissjoni għandha teżamina regolarment il-ħtiġijiet *tad-data* u l-għarfien fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, inkluża l-kapaċità tal-EEA u tal-ECHA *kif ukoll ta' korpi u aġenzji Ewropej oħra, fejn rilevanti*, li jwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafu 5.

Artikolu 5

Rieżami ta' nofs it-terminu

1. *Sal-31 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-progress miksub fil-kisba tal-objettivi tematiċi prijoritarji definiti fl-Artikolu 2(2), filwaqt li tqis l-istatus tal-kundizzjonijiet abilitanti stabbiliti fl-Artikolu 3, u l-progress li jkun sar lejn il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-bidla sistemika. Il-Kummissjoni għandha tipproponi, fejn xieraq, bidliet fl-indikaturi ewlenin imsemmija fl-Artikolu 4(2) fid-dawl tal-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu għandu jkun ibbażat fuq il-valutazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 4(1) u fuq kwalunkwe konstatazzjoni rilevanti oħra. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

2. *Fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u r-rispons possibbli tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal dak ir-rieżami, ta' żviluppi ta' politika rilevanti oħra, u tal-aħħar rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar l-istat u l-prospetti tal-ambjent Ewropew, sabiex jinkisbu l-objettivi tematiċi prijoritarji, kif imniżżla fl-Artikolu 2(2), il-Kummissjoni għandha tippreżenta, fejn xieraq, proposta leġislattiva biex jiżdied anness għat-tmien EAP, għall-perijodu wara l-2025, li jkun fiha lista ta' azzjonijiet bil-ħsieb li jintlaħqu dawk l-objettivi, kif ukoll l-iskeda ta' żmien rispettiva għal dawk l-azzjonijiet rispettivi.*

Artikolu 6
Evalwazzjoni

Sal-31 ta' Marzu 2029, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tat-tmien EAP. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jkun fih is-sejbiet ewlenin ta' dik l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, *segwit*, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva għall-programm ta' azzjoni ambjentali li jmiss *sal-31 ta' Diċembru 2029*.

Artikolu 7
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President